

Brussell, 10 ta' Frar 2017
(OR. en)

6190/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0148 (COD)

CONSOM 41
MI 120
COMPET 90
TELECOM 36
JUSTCIV 25
DIGIT 20
IND 35
CODEC 198

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 5870/17

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
- Kompromess tal-Presidenza

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test ta' kompromess li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Kompetittività tal-20 ta' Frar 2017.

It-test il-ġdid huwa **sottolinjat b'tipa grassa** u t-tħassir huwa indikat bi [...] fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi regoli u proċeduri armonizzati biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet transfruntieri dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. L-Artikolu 21a jipprevedi rieżami tal-effettività u l-mekkaniżmi operazzjonali ta' dak ir-Regolament u skont dak l-Artikolu, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 mhuwiex suffiċjenti biex jindirizza b'mod effettiv l-isfidi tal-infurzar tas-Suq Uniku, u b'mod partikolari s-Suq Uniku Diġitali.

¹ ĠU C 108, 30.4.2004, p. 86.

² Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ĠU L 364, 9.12.2004 p. 1).

- (2) L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali adottata mill-Kummissjoni fis-6 ta' Mejju 2015 identifikat bħala waħda mill-prijoritajiet il-bżonn li ttejjeb il-fiduċja tal-konsumatur b'infurzar aktar rapidu, aġli u konsistenti tar-regoli dwar il-konsumatur. L-Istrateġija għal Suq Uniku adottata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ottubru 2015 tenniet li jenħtieġ li l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur jissaħħaħ aktar permezz tar-Regolament dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur.
- (3) L-infurzar ineffettiv riżultanti tal-każijiet ta' ksur transfruntier, partikolarment fl-ambjent diġitali, jippermetti lill-kummerċjanti jaħarbu mill-infurzar billi jmorru x'imkien ieħor fl-Unjoni stess, li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni għall-kummerċjanti li josservaw il-liġi u li joperaw domestikament jew b'mod transfruntier, u b'hekk jagħmel ħsara direttament lill-konsumaturi u jnaqqas il-kunfidenza tal-konsumaturi fit-transazzjonijiet transfruntieri u fis-Suq Uniku. Għalhekk huwa meħtieġ livell oġhla ta' armonizzazzjoni li jistabbilixxi kooperazzjoni effettiva u effiċjenti fl-infurzar bejn l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti sabiex jiġu individwati, investigati u jitwaqqfu każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilixxa netwerk ta' awtoritajiet pubbliċi kompetenti madwar l-Unjoni. Hija meħtieġa koordinazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet kompetenti differenti li jipparteċipaw fin-netwerk, kif ukoll ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn fil-livell tal-Istati Membri. Jenħtieġ li r-rwol ta' koordinazzjoni tal-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni jingħata lil awtorità [...] **pubblika** f'kull Stat Membru li jkollha biżżejjed setgħat u riżorsi biex twettaq dan ir-rwol importanti [...]. **L-Istati Membri huma mħeġġa li jaħtru waħda mill-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-regolament bħala l-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni.**

- (5) Jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu protetti wkoll minn każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni [...] u minn każijiet ta' ksur mifruxa [...] **li diġà waqfu** iżda li l-effetti ta' ħsara tagħhom jistgħu jkomplu [...] wara li jkun waqaf il-ksur. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat meħtieġa biex jinvestigaw u jordnaw il-waqfien ta' tali ksur fil-futur, **sabiex jiġi evitat li jerġa' jsir.**
- (6) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom sett minimu ta' setgħat ta' investigazzjoni u infurzar biex japplikaw dan ir-Regolament b'mod effettiv, biex jikkooperaw ma' xulxin, u biex jiskoraġġixxu lill-kummerċjanti milli jikkommettu ksur fi ħdan l-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu adegwati biex jindirizzaw l-isfidi tal-infurzar fil-qasam tal-kummerċ elettroniku u tal-ambjent diġitali fejn il-possibbiltajiet li kummerċjant jista' jaħbi b'mod faċli jew ibiddel l-identità tiegħu huma ta' tħassib partikolari. **Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu l-forniment ta' kull informazzjoni rilevanti minn kwalunkwe awtorità, korp jew aġenzija pubblika fl-Istat Membru tagħhom u/jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika inkluż pereżempju fornituri ta' servizzi ta' ħlas, fornituri ta' servizzi tal-internet, operaturi tat-telekomunikazzjoni, reġistri u reġistraturi tad-dominji u fornituri ta' servizzi ta' hosting bil-għan li jiġi stabbilit jekk hemmx każ ta' ksur fi ħdan l-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux.** Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiżguraw li l-evidenza tkun tista' tiġi skambjata b'mod validu bejn l-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb infurzar effettiv fuq livell ugwali fl-Istati Membri kollha.
- (6a) Kull Stat Membru[...] għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti kollha fi ħdan il-ġurisdizzjoni tiegħu jkollhom is-setgħat minimi kollha, li jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament. Madankollu, dment li kull setgħa tista' tiġi eżerċitata b'mod effettiv kif meħtieġ fir-rigward ta' kwalunkwe ksur kopert minn dan ir-Regolament minn tal-anqas awtorità kompetenti waħda, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux is-setgħat kollha lil kull awtorità kompetenti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, li jagħtu ċerti kompiti skont dan ir-Regolament lil korpi nominati. Madankollu, l-Istati Membri m'għandu jkollhom l-ebda obbligu li jinvolvu l-korpi nnominati fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

- (6b) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu proporzjonati u adegwati għan-natura u l-ħsara effettiva jew potenzjali tal-ksur. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu kont tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u li jagħżlu l-aktar miżuri adatti li jkunu essenzjali biex jiġi indirizzat il-ksur. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu proporzjonati, effettivi u ta' deterrent.
- (6c) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu wkoll f'konformità ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni u l-leġislazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari bis-salvagwardji proċedurali applikabbli u l-prinċipji tad-drittijiet fundamentali. Peress li l-eżerċizzju tas-setgħat fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jista' jaffettwa d-drittijiet fundamentali, bħall-protezzjoni tal-proprjetà, il-libertà li wieħed jeżerċita attività kummerċjali, id-dritt għall-privatezza u l-libertà tal-espressjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jistabbilixxu kondizzjonijiet u limiti għall-eżerċizzju tas-setgħat fil-liġi nazzjonali. Fejn, pereżempju, f'konformità mal-liġi nazzjonali jkun hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni minn qabel għad-dħul f'bini ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li s-setgħa tad-dħul f'tali bini tintuża biss wara li tkun inkisbet tali awtorizzazzjoni minn qabel.
- (7) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitawx dawn is-setgħat direttament taħt l-awtorità tagħhom stess, **bl-assistenza ta' awtoritajiet pubbliċi oħra, billi jagħtu struzzjonijiet lill-korpi nominati** jew b'rikors lill-qrati kompetenti. Jenħtieġ li [...] l-Istati Membri jiżguraw li dawk is-setgħat [...] **ikunu** eżerċitati b'mod effettiv u fil-ħin [...].

- (8) Meta jkunu qed jirrispondu għal talbiet li jsiru permezz tal-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, fejn xieraq, jużaw ukoll setgħat jew miżuri oħrajn mogħtija lilhom fuq livell nazzjonali, inkluża s-setgħa li jibdedu jew jirreferu l-kwistjonijiet għal prosekuzzjoni kriminali. Huwa ta' importanza assoluta li l-qrati u awtoritajiet oħra, partikolarment dawk involuti fi prosekuzzjonijiet kriminali, ikollhom il-mezzi u s-setgħat meħtieġa biex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti b'mod effettiv u fil-ħin.
- (9) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jifhem investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tagħhom stess jekk isiru jafu b'każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni jew b'każijiet ta' ksur mifruxa b'mezzi oħra minbarra l-ilmenti tal-konsumaturi. Dan huwa partikolarment meħtieġ biex tkun żgurata kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet kompetenti meta jkunu qegħdin jindirizzaw każijiet ta' ksur mifruxa.
- (10) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-evidenza, id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiddeterminaw jekk kienx hemm każ ta' ksur fi ħdan l-Unjoni jew ksur mifruk, u b'mod partikolari biex jidentifikaw il-kummerċjant responsabbli, irrISPettivament minn min hu fil-pussess tal-evidenza, l-informazzjoni jew id-data, minn fejn tinstab, jew x'inhu l-format tagħha. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu kapaċi jitolbu direttament li partijiet terzi fil-katina ta' valur diġitali jipprovdu l-evidenza, id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa **f'konformità mad-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern.**
- (10a) Jenħtieġ li l-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti tkun soġġetta għal garanziji stretti ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali sabiex ikun żgurat li l-investigazzjonijiet ma jiġux kompromessi jew ir-reputazzjoni tal-bejjiegħa jew tal-fornituri ma ġġarrabx ħsara inġusta.**
- (11) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu kapaċi jivverifikaw konformità mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u li jiksibu evidenza dwar każ ta' ksur fi ħdan l-Unjoni jew każijiet ta' ksur mifruxa, [...] **inkluż** dawk li jseħħu [...] wara x-xiri ta' oġġetti u servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li huma jkollhom is-setgħa li [...] jixtru oġġetti jew servizzi b'identità moħbija **biex jindividwaw ksur, bħar-rifjut tal-implementazzjoni tad-dritt tal-konsumatur li jirrinunzja fil-każ ta' kuntratti mill-bogħod.**

- (12) B'mod partikolari fl-ambjent diġitali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu kapaċi jwaqqfu l-ksur malajr u b'mod effettiv, b'mod partikolari meta l-kummerċjant li jkun qed ibiegħ l-oġġetti u s-servizzi jaħbi l-identità tiegħu jew imur f'post ieħor fl-Unjoni jew f'pajjiż terz biex jevita l-infurzar. F'każijiet fejn ikun hemm riskju ta' ħsara serja [...] lill-konsumaturi, **f'konformità mal-liġi nazzjonali**, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jadottaw miżuri interim [...] li jinkludu[...] **ir-restrizzjoni jew l-imblokkar tal-aċċess għal interfaċċa online jew jordnaw it-turija espliċita ta' twissija lill-konsumaturi meta jaċċedu għall-interfaċċa online**[...]. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li [...] **jillimitaw jew jiddiżattivaw l-aċċess għal interfaċċa online, jordnaw li tintwera twissija espliċita lill-konsumaturi meta jaċċessaw l-interfaċċa online jew jordnaw it-tneħħija jew il-modifika ta' kontenut diġitali meta ma jkunx hemm l-ebda mezz effettiv ieħor biex titwaqqaf prattika illegali**.
- (12a) Biex isegwu l-oġġettiv tar-Regolament flimkien mal-enfasi fuq l-importanza tar-rieda tal-kummerċjanti li jaġixxu f'konformità mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u biex jirrimedjaw għall-konsegwenzi tal-ksur tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà li jaqblu mal-kummerċjanti dwar l-impenji li jkun fihom passi u miżuri li l-kummerċjant għandu jieħu fir-rigward tal-ksur, b'mod partikolari biex iwaqqaf il-ksur.**
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-kummerċjanti jkunu skoraġġuti b'mod suffiċjenti milli jikkommettu jew jirrepetu xi ksur, u li mhumix ser jibbenefikaw minn dawk il-każijiet ta' ksur, jenħtieġ li r-regoli dwar il-penali li ġew adottati mill-Istati Membri skont ir-rekwiżiti tal-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi jkunu applikati wkoll għal każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa **u jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu fejn possibbli l-ħsara ġenerali tal-ksur fl-Istat Membru kkonċernat**. [...]

(14) [...]

(15) Jenħtieġ li l-effettività u l-effikaċja tal-mekkaniżmu tal-assistenza reċiproka jiġiebu. Jenħtieġ li l-informazzjoni mitluba tkun ipprovduta fil-ħin u jenħtieġ li l-miżuri tal-**investigazzjoni u** tal-infurzar meħtieġa jkunu adottati fil-ħin. [...] **Jenħtieġ li l-Awtoritajiet kompetenti** [...] iwieġbu għat-talbiet għal informazzjoni u infurzar **fil-perijodi ta' żmien stabbiliti, sakemm ma jingħatawx raġunijiet speċifiċi għad-dewmien** [...].

(16) **Jenħtieġ li** l-Kummissjoni [...] tkun kapaċi b'mod aħjar li tikkoordina u timmonitorja l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka [...] u toħroġ opinjonijiet lill-Istati Membri meta jinqalgħu l-problemi. **Jenħtieġ ukoll li** l-Kummissjoni [...] tkun kapaċi b'mod aħjar li tgħin, b'mod effettiv u ta' malajr, lill-awtoritajiet kompetenti biex jirriżolvu tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti li jirriżultaw mill-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka.

(17) Jenħtieġ li jiġu pprovduti regoli armonizzati li jistabbilixxu l-proċedura għall-koordinazzjoni, [...] l-investigazzjoni u l-infurzar tal-każijiet ta' ksur mifruxa. Jenħtieġ li l-azzjonijiet koordinati kontra l-każijiet ta' ksur mifruxa jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħżlu l-iżjed għodda xierqa u effiċjenti sabiex iwaqqfu l-każijiet ta' ksur mifruxa [...].

(17a) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati b'każ ta' ksur mifrux jagħtu bidu għal azzjoni koordinata permezz ta' ftehim komuni. Sabiex jiġi stabbilit liema awtoritajiet kompetenti huma kkonċernati b'każijiet ta' ksur mifruxa jenħtieġ li jitqiesu l-aspetti kollha tal-ksur, b'mod partikolari s-sede jew ir-residenza tal-kummerċjant, il-post fejn jinsabu l-assi tal-kummerċjanti, il-post fejn jinsab il-konsumatur li ġarrab ħsara mill-ksur u l-post tal-punt tal-bejgħ tal-kummerċjant, jiġifieri ħwienet u websites.

(17b) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkoordinaw il-miżuri ta' investigazzjoni u infurzar tagħhom fl-azzjoni koordinata sabiex jittrattaw il-ksur b'mod effettiv u biex il-ksur jitwaqqaf jew jiġi pprojbit. Għal dak il-għan jenħtieġ li jiġu skambjati evidenza u informazzjoni neċessarja oħra bejn l-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li tingħata l-assistenza neċessarja. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jieħdu b'mod koordinat il-miżuri ta' infurzar neċessarji biex il-każ ta' ksur mifrux jitwaqqaf jew jiġi pprojbit.

(17c) Jenħtieġ li l-livell tal-parteċipazzjoni ta' kull awtorità kompetenti f'azzjoni koordinata ikun adegwat għall-ambitu tal-miżuri ta' investigazzjoni u infurzar li l-awtorità kompetenti hija meħtieġa tieħu. Għalhekk, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni f'azzjoni koordinata ma tkunx ta' piż mhux raġonevoli fuq l-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jkollhom l-obbligu li jieħdu biss il-miżuri ta' investigazzjoni u infurzar neċessarji li huma meħtieġa għall-kisba tal-evidenza neċessarja fir-rigward tal-każ ta' ksur mifrux u biex il-ksur jitwaqqaf jew jiġi pprojbit. Madankollu, jenħtieġ li n-nuqqas ta' riżorsi disponibbli tal-awtorità kompetenti kkonċernata ma jitqiesx bħala raġuni ġustifikata biex din ma tiħux sehem f'azzjoni koordinata.

(17d) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati li jipparteċipaw f'azzjoni koordinata ikunu jistgħu jwettqu miżuri nazzjonali ta' investigazzjoni u ta' infurzar b'rabta mal-istess ksur. Madankollu, fl-istess ħin, jenħtieġ li l-obbligu li l-awtorità kompetenti tikkoordina l-attivitajiet ta' investigazzjoni u infurzar tagħha fil-qafas tal-azzjoni koordinata mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħra jibqa' intatt, sakemm ma jkunx probabbli li l-investigazzjoni u l-azzjonijiet ta' infurzar meħuda fuq livell nazzjonali barra l-qafas tal-azzjoni koordinata jiżguraw waqfien ta' malajr u effettiv jew projbizzjoni tal-ksur mifrux. F'dawk il-każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw milli jipparteċipaw fl-azzjoni koordinata.

(18) [...]

(19) [...] Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoopera aktar mill-qrib mal-Istati Membri biex tipprevjeni milli jsir ksur fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li hija tinnotifika b'mod attiv lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe suspett ta' ksur fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni, pereżempju fil-monitoraġġ tat-twissijiet imressqa mill-awtoritajiet kompetenti, ikollha suspett raġonevoli li każ ta' ksur mifrux[...] għamel ħsara, jagħmel ħsara jew aktarx li jagħmel ħsara lill-konsumaturi f'mill-inqas tliet kwarti tal-Istati Membri li flimkien jagħmlu mill-inqas tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-Unjoni, hija għandha tinnotifika lill-Istati Membri, permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni ikkonċernati bl-allegat ksur, kif ukoll tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw il-possibilità ta' azzjoni koordinata fin-notifika. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom iwettqu l-investigazzjonijiet xierqa abbażi tal-informazzjoni disponibbli jew li tkun faċilment aċċessibbli għalihom. Fejn tali investigazzjonijiet juru li jista' jkun li qed iseħħ ksur, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati mill-allegat ksur għandhom iniedu azzjoni koordinata. Azzjoni koordinata, mnedija b'segwitu għan-notifika tal-Kummissjoni għandha tiġi kkoordinata mill-Kummissjoni. Jekk jidher li l-Istat Membru huwa kkonċernat b'dak il-ksur, jenħtieġ li huwa jieħu sehem f'azzjoni koordinata sabiex jgħin fil-ġbir tal-informazzjoni u l-evidenza neċessarji b'rabta mal-ksur u biex il-ksur jitwaqqaf jew jiġi pprojbit. Fir-rigward tal-miżuri ta' infurzar, jenħtieġ li l-proċedimenti kriminali u ġudizzjarji fl-Istati Membri ma jiġux affettwati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jiġi rispettat. Madankollu, jekk l-istess kummerċjant jirrepeti l-istess atti jew ommissjoni li tikkostitwixxi ksur li diġà kien ġie indirizzat bi proċedura ta' infurzar li tirriżulta f'waqfien jew projbizzjoni tal-ksur, jenħtieġ li dan jitqies bħala ksur ġdid u jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jindirizzawh.

(19a) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jieħdu l-miżuri ta' investigazzjoni neċessarji għall-istabbiliment tad-dettalji tal-każ ta' ksur mifrux, b'mod partikolari l-identità tal-kummerċjant, l-atti jew l-ommissjonijiet li twettqu mill-kummerċjant u l-effetti tal-ksur. Jenħtieġ li l-miżuri ta' infurzar li jittieħdu jkunu bbażati fuq l-eżitu tal-investigazzjoni. Fejn ikun adatt, jenħtieġ li l-eżitu tal-investigazzjoni u l-valutazzjoni tal-każ ta' ksur mifrux ikun stabbilit f'pożizzjoni komuni maqbula bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati bl-azzjoni koordinata u indirizzata lill-kummerċjanti kkonċernati bil-ksur. Jenħtieġ li l-pożizzjoni komuni ma tikkostitwixxix deċiżjoni vinkolanti tal-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, jenħtieġ li hija tagħti lid-destinatarju l-opportunità li jinstema' dwar il-kwistjonijiet li huma parti mill-pożizzjoni komuni.

(20) Fil-kuntest ta' każijiet ta' ksur mifruxa [...] jenħtieġ li d-drittijiet tad-difiża tal-kummerċjanti kkonċernati jkunu rrispettati. Dan jirrikjedi, b'mod partikolari, li l-kummerċjant jingħata d-dritt li jinstema' u li **matul il-proċedimenti** juża l-lingwa **uffiċjali** [...] **jew waħda mil-lingwi uffiċjali li jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-Istat Membri tas-sede jew residenza tiegħu** [...].

(21) [...] Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jieħdu fil-ġurisdizzjoni tagħhom il-miżuri ta' investigazzjoni u infurzar neċessarji. Madankollu, l-effetti tal-każijiet ta' ksur mifrux mhumieks limitati għal Stat Membru wieħed. Għalhekk il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa biex jiġu indirizzati każi ta' ksur mifruxa u biex il-ksur jitwaqqaf jew jiġi pprojbit.

(21a) L-investigazzjoni konċertata tas-swieq tal-konsumatur (sweeps) hija forma oħra ta' koordinazzjoni tal-infurzar li rriżulta li huwa għodda effettiva kontra l-ksur li jenħtieġ li jinżamm u jissaħħaħ fil-futur.

- (22) [...] L-individwazzjoni effettiva tal-każijiet ta' ksur mifruxa **jenħtieġ li tkun appoġġata mill-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni billi jintbagħtu twissijiet jekk ikun hemm suspett raġonevoli ta' tali ksur.** [...] Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina l-funzjonament tal-iskambju tal-informazzjoni.
- (23) L-organizzazzjonijiet tal-konsumatur għandhom rwol essenzjali fl-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom u fl-edukazzjoni tagħhom u fil-protezzjoni tal-interessi tagħhom inkluż ir-risoluzzjoni tat-tilwim. Jenħtieġ li l-konsumaturi jiġu mħeġġa jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti biex isaħħu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi li jistgħu jingħataw delega għal kompiti ta' infurzar taħt dan ir-Regolament u ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur, ikunu f'pożizzjoni li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur issuspettat u biex jaqsmu l-informazzjoni meħtieġa biex jindividwaw, jinvestigaw u jwaqqfu każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni u magħhom il-każijiet ta' ksur mifruxa.
- (24) [...]

(25) [...] ³

(26) L-isfidi tal-infurzar li jmorru lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, u jenħtieġ li l-interessi tal-konsumaturi tal-Unjoni jkunu protetti minn kummerċjanti diżonesti bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu nnegożjati ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi rigward l-assistenza reċiproka fl-infurzar tal-leġislazzjoni li tipproteġi l-interessi tal-konsumaturi. Jenħtieġ li dawk il-ftehimiet internazzjonali jinkludu s-suġġett stabbilit f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jiġu nnegożjati fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-aqwa protezzjoni tal-konsumaturi tal-Unjoni u kooperazzjoni bla xkiel ma' pajjiżi terzi.

(27) [...] ⁴

³ [...]

⁴ [...]

- (28) Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu[...] [...]43 [...] ta' dan ir-Regolament peress li [...] **dak** l-att[...] **huwa** ta' portata ġenerali.
- (29) Dan ir-Regolament jikkomplementa r-regoli settorjali tal-Unjoni għall-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi settorjali [...]. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal sistemi u networks ta' kooperazzjoni oħra stabbiliti fil-leġislazzjoni settorjali tal-Unjoni. Dan ir-Regolament jespandi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn in-netwerk tal-protezzjoni tal-konsumatur u n-networks tal-korpi u l-awtoritajiet regolatorji stabbiliti mil-leġislazzjoni settorjali tal-Unjoni. **Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni fl-Istati Membri ta' miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja.**
- (29a) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li jintalab kumpens individwali jew kollettiv, li jkun soġġett għal-liġi nazzjonali u ma jipprevedix l-infurzar ta' dawk it-talbiet.**
- (29b) Ir-Regolament 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-individwazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data jenħtieġ li japplikaw fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.**

(30) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli eżistenti tal-Unjoni li jikkonċernaw is-setgħat tal-korpi regolatorji nazzjonali stabbiliti mil-leġislazzjoni settorjali tal-Unjoni. Meta jkun adatt u possibbli, jenħteġ li daww il-korpi jużaw is-setgħat disponibbli għalihom taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali biex iwaqqfu jew jipprojbixxu każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni jew każijiet ta' ksur mifruxa jew biex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti jagħmlu dan.

(31) [...] ⁵⁶⁷⁸

⁵ [...]
⁶ [...]
⁷ [...]
⁸ [...]

- (32) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-rwol u s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti u tal-Awtorità Bankarja Ewropea fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi kollettivi tal-konsumaturi f' kwistjonijiet li jikkonċernaw servizzi ta' kontijiet tal-ħlas u kuntratti ta' kreditu relatati mal-proprjetà immobbli residenzjali fil-qafas tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u d-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament u tal-Kunsill¹⁰.
- (33) Fid-dawl tal-mekkaniżmi tal-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka (Kapitolu III) m'għandux japplika għall-każ ta' ksur f' idan l-Unjoni taħt dawn id-Direttivi.
- (34) [...]

⁹ Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)

¹⁰ Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214)

- (35) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea¹¹ **u mil-liġi kostituzzjonali tal-Istati Membri**. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi interpretat u applikat b'rispett għal daww id-drittijiet u prinċipji. Meta jkunu qed jeżerċitaw is-setgħat minimi stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jilhq bilanċ adatt bejn l-interessi protetti mid-drittijiet fundamentali bħal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, il-libertà li wieħed jeżerċita negozju u l-libertà tal-informazzjoni. **Barra minn hekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli u l-prinċipji fundamentali tagħhom relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni.**
- (36) Minħabba li l-oġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali reponsabbli għall-infurzar tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li ma jistgħux jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni jekk jaġixxu waħedhom, u għaldaqstant, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni territorjali u personali tiegħu, dan l-oġettiv jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dan l-oġettiv. **Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet, inkluż salvagwardji adatti għas-suġġetti tad-data, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, jenħtieġ li jiġi rrispettat ir-Regolament (UE) 2016/679.**
- (37) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 jiġi tthassar.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹¹ ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li ġew innominati bħala responsabbli għall-infurzar [...] tal-liġijiet **tal-Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi, jikkordinaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw konformità ma' dawk il-liġijiet u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u sabiex itejbu l-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal każ ta' ksur fi ħdan l-Unjoni **u** każijiet ta' ksur mifruxa definiti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3 **rispettivament, anki jekk dak il-ksur ikun waqaf qabel ma jinbeda jew jitlesta l-infurzar.**
2. [...]

3. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar id-dritt internazzjonali privat, b'mod partikolari r-regoli relatati mal-ġuriżdizzjoni tal-qorti u l-liġijiet applikabbli.
4. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni fl-Istati Membri ta' miżuri dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ċivili, b'mod partikolari l-operat tan-Netzwerke **Ġudizzjarji Ewropej u għall-applikazzjoni ta' strumenti legali fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.**
5. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-issodisfar mill-Istati Membri ta' kwalunkwe obbligu addizzjonali fir-rigward tal-assistenza reċiproka għall-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi kollettivi tal-konsumaturi, inklużi materji kriminali li jirriżultaw minn atti legali oħra, inklużi ftehimiet bilaterali jew multilaterali.
6. **Il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-każ ta' ksur fi ħdan l-Unjoni** [...] skont id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u d-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.
7. [...]

(a) [...]

(b) [...]

8. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².

9. Dan ir-Regolament għandu ikun mingħajr preġudizzju għar-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ekonomika Ewropea¹³.

10. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi rilevanti tal-Unjoni applikabbli għall-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

11. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali applikabbli għal kumpens lill-konsumaturi għad-dannu kkawżat minn ksur tal-liġi tal-Unjoni li tipproteġi l-interess tal-konsumaturi.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi" tfisser id-Direttivi kif trasposti fis-sistema ġuridika interna tal-Istati Membri u r-Regolamenti elenkati fl-Anness;

¹² Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30).

¹³ **Regolament Nru 1 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385)**

(b) "każ ta' ksur fl-Unjoni" tfisser kull att jew omissjoni [...] li tmur kontra l-liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi, u li jkunu għamlu ħsara, qed jagħmlu ħsara jew x'aktarx ser jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi li huma residenti fi Stat Membru apparti l-Istat Membru fejn l-att jew l-ommissjoni jkunu oriġinaw jew seħħu, fejn il-kummerċjant responsabbli għall-att jew l-ommissjoni ikun stabbilit jew fejn ikunu jinstabu l-evidenza jew l-assi tal-kummerċjant li għandhom x'jaqsmu mal-att jew omissjoni;

(c) "każ ta' ksur mifruż" tfisser [...]

(1) kull att jew omissjoni li jmorru kontra l-liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi li għamlu ħsara, jagħmlu ħsara jew x'aktarx ser jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi li huma residenti f'mill-inqas żewġ Stati Membri apparti l-Istat Membru fejn oriġinaw jew seħħu l-att jew omissjoni, jew fejn il-kummerċjant responsabbli għall-att jew l-ommissjoni huwa stabbilit, jew fejn jistgħu jinstabu l-evidenza jew l-assi **tal-kummerċjant** li għandhom x'jaqsmu mal-att jew omissjoni [...]; jew

(2) kull att[...] jew omissjoni[...] li tmur kontra l-liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi li **għamlet ħsara, qed tagħmel ħsara, jew x'aktarx ser tagħmel ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi u** jkollhom karatteristiċi komuni, bħall-istess prattika illegali, l-istess interess li qed jinkiser [...] **u** li qed isiru fl-istess ħin, **imwettqa mill-istess kummerċjant**, f'mill-inqas [...] **tlit** Stati Membri;

(ca) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità pubblika stabbilita fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li tkun responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi u li tiġi nominata skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 5;

(cb) "uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni" tfisser l-awtorità pubblika f'kull Stat Membru maħtura biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru;

(d) "awtorità applikanti" tfisser l-awtorità kompetenti li tagħmel talba għal assistenza reċiproka;

(e) "awtorità li ssirilha t-talba" tfisser l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għall-assistenza reċiproka;

(ea) "korp nominat" tfisser korp li jkollu interess leġittimu fil-waqfien jew il-projbizzjoni ta' ksur tal-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi nominat minn awtorità kompetenti biex jiġbor l-informazzjoni meħtieġa u biex jieħu l-miżuri meħtieġa ta' infurzar disponibbli għalih skont il-liġi nazzjonali biex iwassal għall-waqfien jew il-projbizzjoni tal-ksur filwaqt li jaġixxi f'isem dik l-awtorità kompetenti,

(f) "kummerċjant" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, irrISPETTIVAMENT jekk tkunx proprjetà privata jew pubblika, li tkun qed taġixxi għal skopijiet relatati mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha, inkluż permezz ta' kwalunkwe persuna oħra li taġixxi fisimha jew għaliha;

(g) [...]

(h) [...]

(i) "[...] interessi kollettivi tal-konsumaturi" tfisser [...] l-interessi ta' għadd ta' konsumaturi li jġarrbu [...] **ħsara jew li jistgħu jġarrbu ħsara** minn każ ta' ksur fl-Unjoni jew każijiet ta' ksur mifruxa; [...]

(ia) "interfaċċa online" tfisser kwalunkwe software, inkluż sit web jew parti minn sit web u applikazzjonijiet, operati minn jew f'isem kummerċjant, li jservi bħala mezz biex jagħti lill-konsumaturi aċċess għall-oġġetti jew is-servizzi tal-kummerċjant.

Artikolu 4

Notifika ta' perijodi ta' limitazzjoni għall-ksur

1. [...]

2. [...]

3. [...]

L-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-perijodi ta' limitazzjoni fil-ġurisdizzjoni tagħhom li huma applikabbli biex jittieħdu miżuri ta' infurzar skont l-Artikolu 8(3). Il-Kummissjoni għandha tiddeskrivi fil-qosor il-perjodi notifikati ta' limitazzjoni u tagħmel is-sommarju disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

KAPITOLU II

AWTORITAJIET KOMPETENTI U S-SETGĦAT TAGĦHOM

Artikolu 5

Awtoritajiet kompetenti u uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina [...] l-awtoritajiet kompetenti [...] **u l-uffiċċju uniku ta' kooperazzjoni responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament daqslikieku kienu qed jaġixxu fisem il-konsumaturi tal-Istat Membru tagħhom stess u fisimhom stess.
3. [...]
4. **F'kull Stat Membru l-uffiċċju uniku ta' koordinazzjoni** għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' investigazzjoni u infurzar relatati ma' każ ta' ksur fl-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa mill-awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet pubbliċi oħra kif stabbilit fl-Artikolu 6[...] **u, jekk applikabbli,** korpi nnominati kif stabbilit fl-Artikolu [...] **6a** [...].

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni jkollhom ir-riżorsi adegwati meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament [...], inkluż riżorsi baġitarji jew riżorsi oħrajn suffiċjenti, kompetenza, proċeduri u arranġamenti oħrajn.
6. Meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dmirijiet rispettivi tagħhom ikunu ddefiniti b'mod ċar u li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet rispettivi tagħhom b'mod effettiv.

Artikolu 6

[...] **Kooperazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri**

1. [...] **Għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament kull Stat Membru**[...] **għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, awtoritajiet pubbliċi oħra u, jekk applikabbli, il-korpi nnominati jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin.**
2. [...] **L**-awtoritajiet pubbliċi l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 [...] **għandhom , fuq talba minn awtorità kompetenti,** jieħdu l-miżuri [...] meħtieġa kollha disponibbli għalihom skont il-liġi nazzjonali **sabiex** iwasslu għall-waqfien jew il-projbizzjoni ta' każ ta' ksur fl-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi l-oħrajn ikollhom il-mezzi u s-setgħat meħtieġa biex jikkooperaw b'mod effettiv mal-awtoritajiet kompetenti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk l-awtoritajiet pubbliċi oħra għandhom jinformatu regolarment lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri meħuda fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
4. [...]
5. [...]

Artikolu 6a

Rwol tal-korpi nnominati

1. Fejn applikabbli u f'konformità mal-liġi nazzjonali, awtorità kompetenti ("awtorità li tagħti l-istruzzjoni") tista' tagħti istruzzjoni lil korp nominat biex jiġbor l-informazzjoni neċessarja rigward każ ta' ksur fl-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux jew biex jieħdu l-miżuri ta' infurzar neċessarji biex dak il-ksur jitwaqqaf jew jiġi pprojbit, jekk, wara konsultazzjoni mal-awtorità applikanti jew l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħrajn, kemm l-applikant kif ukoll l-awtorità li ssirilha t-talba jew l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kollha jaqblu li permezz ta' dawn il-mezzi ikun probabbli li l-informazzjoni neċessarja ser tinkiseb jew li l-ksur jitwaqqaf jew jiġi pprojbit b'mod li tal-inqas ikun ugwalmart effiċjenti u effettiv bħala azzjoni mill-awtorità li tagħti l-istruzzjoni.

2. Jekk l-awtorità applikanti jew l-awtoritajiet ikkonċernati l-oħra huma tal-fehma li l-kondizzjonijiet stabbiliti taħt il-paragrafu 1 mhux qed jintlaħqu, huma għandhom jinfurmaw lill-awtorità li tagħti l-istruzzjoni bil-miktub mingħajr dewmien, u jindikaw ir-raġunijiet għall-opinjoni tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, l-awtorità li tagħti l-istruzzjoni tista' tirreferi l-każ lill-Kummissjoni, li għandha toħroġ opinjoni mingħajr dewmien.
3. Fil-każ ta' nuqqas min-naħa tal-korp nominat li jikseb l-informazzjoni neċessarja jew li jwaqqaf jew jipprojbixxi l-ksur mingħajr dewmien jew meta l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jaqblux li l-korp nominat jista' jingħata istruzzjoni skont il-paragrafu 1, l-obbligi tal-awtorità li tagħti l-istruzzjoni li tiegħu l-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' infurzar neċessarji għandhom jibqgħu applikabbli.
4. L-awtorità li tagħti l-istruzzjoni għandha tiegħu l-miżuri neċessarji kollha biex tipprevjeni l-iżvelar ta' informazzjoni li hija soġġetta għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u kummerċjali stabbiliti fl-Artikolu 41.

Artikolu 7

Informazzjoni u listi

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn l-identitajiet tal-awtoritajiet kompetenti, tal-uffiċċju uniku ta' koordinazzjoni, tal-korpi nnominati kif stabbiliti fl-Artiklu [...] **6a** u tal-entitajiet li qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ta' twissija stabbiliti fl-Artikolu 34, kif ukoll kull bidla li jkun hemm f'dan ir-rigward.
2. Il-Kummissjoni għandha żżomm u taġġorna lista li tkun disponibbli għall-pubbliku bl-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti, il-korpi nnominati u l-entitajiet nominati kif stabbilit fl-Artikolu 35 fuq is-sit web tagħha.

Setgħat minimi tal-awtoritajiet kompetenti

1. Kull awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħat ta' investigazzjoni u infurzar **skont il-paragrafi 2, 3, 4 u 5** meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha teżerċitahom [...] **skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9.**
- 1a. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux is-setgħat kollha lil kull awtorità kompetenti dment li kull setgħa tista' effettivament tiġi eżerċitata kif ikun meħtieġ b'rabta ma' kwalunkwe ksur kopert minn dan ir-Regolament skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9.**
2. [...] L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom mill-inqas is-setgħat ta' **investigazzjoni** li ġejjin [...]:
 - (a) ikollhom aċċess għal kull dokument, data jew informazzjoni rilevanti relatati ma' ksur [...] **fl-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux**, fi kwalunkwe forma jew format u irrispettivament mill-mezz jew il-post fejn jinħażnu;
 - (b) jirrikjedu l-ġoti [...] ta' kull informazzjoni, data jew dokument rilevanti fi kwalunkwe format jew forma u irrispettivament mill-mezz jew il-post fejn ikunu maħżuna, **minn kwalunkwe awtorità, korp jew aġenzija pubblika fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti u/jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika bil-għan li [...] jiġi stabbilit jekk hemmx każ ta' ksur fl-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux u li jiġi stabbiliti d-dettalji ta' tali ksur, inkluż l-intraċċar** tal-flussi finanzjarji jew tad-data, jew sabiex jaċċertaw l-identità tal-persuni involuti fil-flussi finanzjarji u tad-data, informazzjoni dwar kontijiet bankarji u s-sjieda tas-siti web;

- (c) [...]
- (d) twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq il-post **ta' negozji**, [...] bini, [...] mezzi ta' trasport jew [...] titlob lil awtoritajiet oħrajn biex jagħmlu dan sabiex jeżaminaw, jikkonfiskaw, jieħdu jew jiksbu kopji ta' informazzjoni, data jew dokumenti, irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna; **taqbad** [...] kull [...] informazzjoni, data jew dokumenti għaż-żmien meħtieġ u sal-punt meħtieġ għall-ispezzjoni; titlob lil kwalunkwe rappreżentant jew membru tal-persunal tal-kummerċjant ikkonċernat biex jagħti spjegazzjonijiet dwar fatti, informazzjoni jew dokumenti relatati mas-suġġett tal-ispezzjoni u tirreġistra t-tweġibiet;
- (e) jixtru oġġetti jew servizzi bħala xiri tal-ittestjar **u, fejn ikun meħtieġ, jaġixxu b'identità moħbija** sabiex jindividwaw **każ ta' ksur fl-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa** [...] u jiksbu l-evidenza[...]
- (f) [...]
- (g) [...]

(h) [...]

(i) [...]

(j) [...]

(k) [...]

(l) [...]

(m) [...]

(n) [...]

(o) [...]

(p) [...]

(q) [...]

3. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom mill-inqas is-setgħat ta' infurzar li ġejjin:

- (a) jadottaw miżuri interim biex jipprevjenu r-riskju ta' ħsara serja għall-interess kollettiv tal-konsumaturi;**
- (b) ifittxu li jiksbu jew jaċċettaw impenji mill-kummerċjant responsabbli għall-każ ta' ksur fl-Unjoni jew il-każ ta' ksur mifrux li jwaqqaf il-ksur;**
- (c) jordnaw bil-miktub il-waqfien tal-każ ta' ksur fl-Unjoni u l-każijiet ta' ksur mifruxa mill-kummerċjant;**
- (d) iwaqqfu jew jipprojbixxu l-każ ta' ksur fl-Unjoni u l-każijiet ta' ksur mifruxa;**
- (e) fejn ma jkunx hemm mezzi effettivi oħra disponibbli għall-waqfien jew il-projbizzjoni tal-ksur, jillimitaw jew jimblukkaw l-aċċess għal interfaċċa online jew jordnaw it-turija espliċita ta' twissija lill-konsumaturi meta jaċċedu għall-interfaċċa online, inkluż billi jitolbu lil parti terza jew awtorità pubblika oħra timplimenta tali miżuri, jew jordnaw it-tneħħija jew il-modifika ta' kontenut diġitali, biex jiġi prevenut ir-riskju ta' ħsara serja għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi;**

(f) jimponu multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali , għal każijiet ta' ksur fl-Unjoni u każijiet ta' ksur mifruxa u għan-nuqqas ta' konformità ma' kull deċiżjoni, ordni, miżura temporanja, impenn jew miżura oħra adottata skont dan ir-Regolament.

- 3a. Is-setgħa li jiġu imposti multi għal ksur mifrux u fl-Unjoni tapplika għal kwalunkwe ksur tal-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi li jipprevedu penali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-awtoritajiet nazzjonali li jimponu penali, inkluż multi, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali minkejja li l-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi ma jipprevedux penali.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jibdew investigazzjonijiet jew proċeduri biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit il-każ ta' ksur fl-Unjoni jew każijiet ta' ksur mifruxa fuq inizjattiva tagħhom stess.
5. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jippubblikaw id-deċiżjoni finali, l-impenji tal-kummerċjant jew l-ordnijiet adottati skont dan ir-Regolament, li jinkludu l-pubblikazzjoni tal-identità tal-kummerċjant responsabbli għall-każ ta' ksur fl-Unjoni jew il-ksur mifrux.

Artikolu 9

Eżerċizzju ta' setgħat minimi

1. Is-[...]setgħat stabbiliti fl-Artikolu 8 għandhom jiġu eżerċitati [...]:
- (a) direttament mill-awtoritajiet kompetenti taħt l-awtorità tagħhom stess;
- (aa) fejn ikun adatt, b'rikors għal awtoritajiet kompetenti oħra jew awtoritajiet pubbliċi oħra għall-applikazzjoni tas-setgħat;
- (ab) billi jagħtu istruzzjonijiet lill-korpi nominati jekk ikun applikabbli; jew

(b) b'rikors lill-qrati kompetenti biex jagħtu d-deċiżjoni meħtieġa, inkluż b'appell, fejn dan ikun xieraq, jekk ir-rikors biex tingħata d-deċiżjoni meħtieġa jiġi miċħud.

2. [...] **L-implimentazzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 8 b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu proporzjonati u f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inkluż is-salvagwardji u l-prinċipji proċedurali applikabbli tad-drittijiet fundamentali. Il-miżuri ta' investigazzjoni u infurzar adottati fl'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adegwati għan-natura u l-ħsara effettiva jew potenzjali b'mod ġenerali tal-ksur.**

3. [...]

Artikolu 10

[...]

KAPITOLU III

MEKKANIŻMU TA' ASSISTENZA REĊIPROKA

Artikolu 11

Talbiet għal informazzjoni

1. Awtorità li ssirilha t-talba għandha, fuq talba minn awtorità applikanti, tipprovdi **lill-awtorità applikanti fi żmien 30 jum, sakemm ma jingħatawx raġunijiet speċifiċi għad-dewmien**, kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk seħħ ksur fl-Unjoni u biex jitwaqqaf dak il-ksur. [...]
2. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twettaq l-investigazzjonijiet adatti **u meħtieġa** jew tiegħu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa jew adatta sabiex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa. Jekk meħtieġ, dawk l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu bl-assistenza ta' awtoritajiet pubbliċi u korpi nominati oħra.
3. Fuq talba mill-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba tista' tippermetti lil uffiċjali kompetenti tal-awtorità applikanti biex jakkumpanjaw lill-uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba matul l-investigazzjonijiet tagħhom.
4. [...]
5. [...].

Talbiet għal miżuri ta' infurzar

1. Awtorità li ssirilha t-talba għandha fuq talba minn awtorità applikanti, tiegħu l-miżuri ta' infurzar kollha meħtieġa **u proporzjonati** biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit il-ksur fl-Unjoni [...] **billi teżerċita s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 8 u kwalunkwe setgħa addizzjonali mogħtija lilha skont il-liġi nazzjonali. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tiddetermina l-miżuri ta' infurzar adatti meħtieġa biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit il-ksur fl-Unjoni u għandha teħodhom mingħajr dewmien iżda mhux aktar tard minn 6 xhur wara li tkun irċeviet it-talba, sakemm ma jingħatawx raġunijiet speċifiċi għad-dewmien. Fejn adatt, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha timponi multi jew ħlasijiet penali perjodiċi fuq il-kummerċjant responsabbli mill-ksur fl-Unjoni.**
2. [...]
3. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinforma b'mod regolari [...] lill-awtorità applikanti dwar il-passi u l-miżuri meħuda **u l-passi u l-miżuri li biħsiebha tiegħu**. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinnotifika permezz tal-bażi ta' data stabbilita fl-Artikolu 43 lill-awtorità applikanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni bil-miżuri meħuda u l-effetti tagħhom fuq il-ksur fl-Unjoni mingħajr dewmien, li jinkludu [...] jekk ġewx imposti miżuri interim[...].

[...]liema [...] **miżuri** ġew [...] **adottati u** [...]jekk [...] **dawk** il-miżuri [...] ġewx implimentati.

4. [...]

5. [...]

Artikolu 13

[...]

1. [...]

2. [...]
3. [...]
4. [...]
6. [...]

Artikolu 14

Proċedura għal talbiet għal assistenza reċiproka

1. F'talbiet għal assistenza reċiproka, l-awtorità applikanti għandha tagħti informazzjoni suffiċjenti biex awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tissodisfa t-talba, inkluż kwalunkwe evidenza meħtieġa li tista' tinkiseb biss fl-Istat Membru tal-awtorità applikanti.

2. It-talbiet għandhom jintbagħtu mill-awtorità applikanti lill-uffiċċju uniku ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba u lill-uffiċċju uniku ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru tal-awtorità applikanti għall-informazzjoni. L-uffiċċju uniku ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba għandu jgħaddi t-talbiet lill-awtorità kompetenti adatti mingħajr dewmien.
3. It-talbiet għal assistenza reċiproka u kull komunikazzjoni marbuta magħhom għandhom isiru bil-miktub bl-użu ta' formoli standard u dawn għandhom jiġu kkomunikati b'mod elettroniku permezz tal-bażi ta' data stabbilita skont l-Artikolu 43.
4. Il-lingwi li jintużaw għat-talbiet għal assistenza reċiproka u għall-komunikazzjoni marbuta magħhom għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.
5. Jekk ma jkunx hemm qbil dwar liema lingwi ser jintużaw, it-talbiet għandhom jintbagħtu bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-awtorità applikanti u r-risposti għandhom ikunu bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba. F'dak il-każ, kull awtorità kompetenti għandha tiżgura li jkun hemm it-traduzzjonijiet meħtieġa għat-talbiet, ir-risposti u d-dokumenti l-oħrajn li hija tirċievi mingħand awtorità kompetenti oħra.
6. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twieġeb direttament lill-awtorità applikanti u lill-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri tal-awtoritajiet applikanti u ta' dawk li ssirilhom it-talba.

Rifjut ta' konformità ma' talba għal assistenza reċiproka

1. L-awtorità li ssirilha t-talba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għall-informazzjoni taħt l-Artikolu 11 jekk tapplika waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) fl-opinjoni tagħha, wara konsultazzjoni mal-awtorità applikanti, **jidher li l-** informazzjoni mitluba ma tkunx meħtieġa mill-awtorità applikanti biex tistabbilixxi jekk seħħx ksur fl-Unjoni jew biex tistabbilixxi jekk hemmx suspett raġonevoli li dan jista' jseħħ;
 - (b) l-awtorità applikanti ma taqbilx li l-informazzjoni hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u kummerċjali stipulati fl-Artikolu 41;
 - (c) **investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji diġà jkunu nbdew, jew ikun hemm** [...] sentenza [...], **soluzzjoni bil-qorti jew ordni ġudizzjarja** fir-rigward tal-istess ksur fl-Unjoni u kontra l-istess kummerċjant quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba [...];
 - (d) **l-eżerċizzju tas-setgħat tal-investigazzjoni jew tal-infurzar meħtieġa diġà jkun inbda, jew deċiżjoni amministrattiva diġà tkun ġiet adottata fir-rigward tal-istess ksur fl-Unjoni u kontra l-istess kummerċjant f'dak l-Istat Membru sabiex iwassal għat-tmiem jew il-projbizzjoni tal-ksur fl-Unjoni.**

2. L-awtorità li ssirilha t-talba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal miżuri ta' infurzar taħt l-Artikolu 12 wara konsultazzjoni mal-awtorità applikanti, jekk tapplika waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji diġà jkunu nbdew [...], **jew ikun hemm sentenza [...], soluzzjoni bil-qorti jew ordni ġudizzjarja** fir-rigward tal-istess ksur fi ħdan l-Unjoni u kontra l-istess kummerċjant quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba [...];

(aa) l-eżerċizzju tas-setgħat tal-investigazzjoni jew tal-infurzar meħtieġa diġà jkun inbda, jew deċiżjoni amministrattiva tkun diġà ġiet adottata fir-rigward tal-istess ksur fl-Unjoni u kontra l-istess kummerċjant f'dak l-Istat Membru sabiex iwassal għat-tmiem jew il-projbizzjoni tal-ksur fl-Unjoni;

(b) fil-fehma tagħha, wara investigazzjoni adatta [...], ma jkun seħħ ebda ksur fi ħdan l-Unjoni;

(c) fil-fehma tagħha, l-awtorità applikanti ma tkunx tat informazzjoni suffiċjenti f'konformità mal-Artikolu 1 [...]4(1);

(d) l-awtorità li ssirilha t-talba tkun aċċettat impenji mill-kummerċjant biex iwaqqaf il-ksur fi ħdan l-Unjoni f'limitu ta' żmien stabbilit u dak il-limitu ta' żmien ikun għadu ma skadiex.

Madankollu, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkonforma mat-talba għal miżuri ta' infurzar skont l-Artikolu 12 jekk il-kummerċjant jonqos milli jimplimenta l-impenji skont il-punt (d).

[...]

3. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinforma lill-awtorità applikanti u lill-Kummissjoni dwar ir-rifjut li tikkonforma ma' talba għal assistenza reċiproka u għandha tagħti raġunijiet għar-rifjut.
4. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtorità applikanti u dik li ssirilha t-talba, l-awtorità applikanti jew l-awtorità li ssirilha t-talba [...] **tista'** mingħajr dewmien tirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni li għandha toħroġ opinjoni **mingħajr dewmien**. Jekk il-kwistjoni ma tiġix riferuta lilha, il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni ex officio.
5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka, il-konformità tal-awtoritajiet kompetenti mal-proċeduri u l-iskadenzi għall-ipproċessar ta' talbiet għal assistenza reċiproka. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għat-talbiet għal assistenza reċiproka u għall-informazzjoni u d-dokumenti skambjati bejn l-awtorità applikanti u dik li ssirilha t-talba.
6. [...]

KAPITOLU IV

[...]MEKKANIŻMU TA' INVESTIGAZZJONI U INFURZAR GĦAL KAŻIJET TA' KSUR MIFRUX

TAQSIMA I

[...]

Artikolu 15a

Proċedura għal deċiżjonijiet fost l-Istati Membri

Għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jaġixxu b'konsens.

Artikolu 15aa

Prinċipji ġenerali ta' kooperazzjoni

1. Fejn ikun hemm suspett raġonevoli li qed iseħħ każ ta' ksur mifrux, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u l-Kummissjoni għandhom mingħajr dewmien, billi jibagħtu twissijiet skont l-Artikolu 34, jinfurmaw lil xulxin u lill-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni kkonċernati.

2. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati mill-każ ta' ksur mifrux għandhom jikkordinaw l-investigazzjoni u l-miżuri ta' infurzar tagħhom biex jindirizzaw il-ksur. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa kollha u jipprovdu lil xulxin u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe assistenza meħtieġa mingħajr dewmien.
3. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jiżguraw li jingħabru l-evidenza u l-informazzjoni meħtieġa u li jittieħdu l-miżuri ta' infurzar meħtieġa kollha biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit il-każ ta' ksur mifrux.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, it-tweġġ ta' attivitajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u infurzar fir-rigward tal-istess ksur u l-istess kummerċjant mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma għandux jiġi affettwat mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
5. Fejn adatt, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistiednu lil uffiċjali tal-Kummissjoni u persuni oħra li jkunu qed jakkumpanjawhom awtorizzati mill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fl-investigazzjonijiet koordinati, fl-azzjonijiet ta' infurzar u f'miżuri oħra skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 16

[...] Tnedija ta' azzjoni koordinata u nomina tal-koordinatur

1. [...]

2. [...].
3. [...]
4. [...]
5. [...]
6. [...]

1. F'każ ta' suspett raġonevoli ta' każ ta' ksur mifrux l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom iniedu azzjoni koordinata permezz ta' ftehim bejniethom. It-tnedija tal-azzjoni koordinata għandha tiġi nnotifikata lill-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni kkonċernati mill-azzjoni koordinata u lill-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati mill-każ ta' ksur mifrux issuspettat għandhom jinnominaw awtorità kompetenti waħda minn fosthom biex tassumi r-rwol tal-koordinatur. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq ebda qbil dwar il-koordinatur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistiednu lill-Kummissjoni biex tassumi r-rwol tal-koordinatur. Jekk il-Kummissjoni ma taċċettax li tassumi r-rwol tal-koordinatur, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li jagħlqu l-azzjoni koordinata u għandhom isegwu l-azzjonijiet nazzjonali ta' infurzar tagħhom biex jindirizzaw il-każ ta' ksur mifrux billi jużaw, fejn adatt, il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka skont il-Kapitolu III.
3. Jekk il-Kummissjoni jkollha s-suspett raġonevoli li każ ta' ksur mifrux għamel ħsara, qed jagħmel ħsara jew aktarx li ser jagħmel ħsara lil konsumaturi f'mill-inqas tliet kwarti tal-Istati Membri li flimkien jammontaw għal mill-inqas tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-Unjoni, hija għandha tinnotifika mingħajr dewmien skont l-Artikolu 34 lill-awtoritajiet kompetenti u l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni kkonċernati mill-ksur allegat. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara fin-notifika r-raġunijiet li jiġġustifikaw il-possibilità ta' azzjoni koordinata. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom iwettqu l-investigazzjonijiet xierqa abbażi tal-informazzjoni disponibbli jew li tkun faċilment aċċessibbli għalihom. Fejn tali investigazzjonijiet juru li jista' jkun li qed iseħħ ksur, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati mill-ksur għandhom iniedu azzjoni koordinata skont il-paragrafu 1.
4. L-azzjoni koordinata mnedija b'segwitu għan-notifika tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 għandha tiġi kkoordinata mill-Kummissjoni.

5. Awtorità kompetenti għandha tissieħeb mal-azzjoni koordinata, jekk matul l-azzjoni koordinata jidher ċar li hija kkonċernata mill-każ ta' ksur mifrux.

Artikolu 16a

Rifjut ta' parteċipazzjoni fl-azzjoni koordinata

1. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li tieħu sehem fl-azzjoni koordinata għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

- (a) diġà tkun inbdiet investigazzjoni kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji, ingħatat sentenza, jew intlaħqet soluzzjoni bil-qorti fir-rigward tal-istess ksur kontra l-istess kummerċjant f'dak l-Istat Membru;
- (b) l-eżerċizzju tas-setgħat ta' investigazzjoni jew ta' infurzar meħtieġa jkun diġà nbeda, jew deċiżjoni amministrattiva ġiet adottata fir-rigward tal-istess ksur kontra l-istess kummerċjant f'dak l-Istat Membru sabiex iwasslu għat-tmiem jew il-projbizzjoni tal-ksur mifrux;
- (c) wara investigazzjoni adatta jkun jidher ċar li l-impatt reali jew potenzjali tal-ksur allegat fuq konsumaturi fl-Istat Membru tiegħu jkun insinifikanti u ma jkunx jinħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' infurzar mill-awtorità kompetenti;
- (d) l-awtorità kompetenti tkun aċċettat impenji mill-kummerċjant biex iwaqqaf il-każ ta' ksur mifrux fl-Istat Membru tagħha u daww l-impenji jkunu ġew implimentati u ma jkunx jinħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' infurzar mill-awtorità kompetenti.

- 2. Fejn awtorità kompetenti tirrifjuta li tieħu sehem fl-azzjoni koordinata skont il-paragrafu 1, għandha mingħajr dewmien tinforma lill-Kummissjoni, lill-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni kkonċernati u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati bid-deċiżjoni tagħha, tagħti r-raġunijiet għal dan u ttipprovdi d-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa.**

Artikolu 17

Miżuri ta' investigazzjoni f'azzjonijiet koordinati

1. [...] L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jiżguraw li l-investigazzjonijiet u l-ispezzjonijiet jitwettqu **b'mod effettiv, effiċjenti u kkoordinat, b'mod partikolari għandhom jippruvaw iwettqu l-investigazzjonijiet u l-ispezzjonijiet** [...] b'mod simultanju.
 2. [...].
- 2a. Il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka skont il-Kapitolu III jista' jintuża, jekk dan ikun meħtieġ, b'mod partikolari biex jiġbor evidenza u informazzjoni mingħand Stati Membri li mhumiex l-Istati Membri kkonċernati mill-azzjoni koordinata jew biex jiġi żgurat li l-kummerċjant ikkonċernat ma jevitax il-miżuri ta' infurzar.**

3. **Fejn adatt, l-**awtoritajiet kompetenti kkonċernati [...] **għandhom** jistabbilixxu l-eżitu tal-investigazzjoni u l-valutazzjoni tal-każ ta' ksur mifruż f'pożizzjoni komuni maqbula bejniethom.

3a. Il-koordinatur, jekk mhux maqbul mod ieħor bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, għandu jikkomunika l-pożizzjoni komuni lill-kummerċjant responsabbli mill-ksur li għandu jingħata l-opportunità li jinstema' fir-rigward tal-kwistjonijiet li huma parti mill-pożizzjoni komuni.

4. Fejn adatt u mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali stabbiliti fl-Artikolu 41, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu [...] jippubblikaw il-pożizzjoni komuni jew partijiet minnha fis-siti web tagħhom u [...] l-Kummissjoni **tista' tippubblika l-pożizzjoni komuni** fis-sit web **tagħha jekk mitluba mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati** [...].

Artikolu 18

[...] **Impenji**

1. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu jistiednu lill-kummerċjant responsabbli mill-każ ta' ksur **mifruż** biex jipproponi **f'limitu ta' żmien stabbilit** impenji biex jitwaqqaf il-ksur [...]. Il-kummerċjant jista' wkoll, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jipproponi impenji biex jitwaqqaf il-ksur [...].

2. [...]

2a. Fejn adatt u mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali stabbiliti fl-Artikolu 41, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, jistgħu jippubblikaw l-impenji proposti mill-kummerċjant fis-siti web tagħhom jew, kif adatt, il-Kummissjoni tista' tippubblika l-impenji proposti fis-sit web tagħha jekk mitluba mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati [...].

3. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati [...] għandhom jivvalutaw l-impenji proposti u jikkomunikaw l-eżitu tal-valutazzjoni lill-kummerċjant. Fejn l-impenji jkunu suffiċjenti u proporzjonati biex jitwaqqaf il-ksur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettawhom u jistabbilixxu limitu ta' żmien li fih l-impenji għandhom jiġu implimentati.

4. L-awtoritajiet kompetenti [...] kkonċernati għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-impenji. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li l-kummerċjant ikkonċernat jirrapporta b'mod regolari lill-koordinatur dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-impenji. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fejn adatt, jitolbu l-fehmiet ta' organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u esperti biex jivverifikaw jekk il-passi meħuda mill-kummerċjant humiex konformi mal-impenji.
5. [...]

Artikolu 18a

Miżuri ta' infurzar f'azzjonijiet koordinati

1. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jieħdu fil-ġurisdizzjoni tagħhom il-miżuri ta' infurzar meħtieġa kollha kontra l-kummerċjant responsabbli mill-każ ta' ksur mifrux biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit il-każ ta' ksur mifrux. Fejn adatt huma għandhom jimponu multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fuq il-kummerċjant responsabbli mill-każ ta' ksur mifrux.

2. Miżuri ta' infurzar skont il-paragrafu 1 għandhom jittieħdu b'mod effettiv, effiċjenti u kkoordinat biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit il-każ ta' ksur mifrux. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jippruvaw jieħdu l-miżuri ta' infurzar b'mod simultanju fl-Istat Membri kkonċernati mill-każ ta' ksur mifrux.

Artikolu 19

Għeluq tal-azzjonijiet koordinati

1. L-azzjoni koordinata għandha tingħalaq jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jikkonkludu li l-każ ta' ksur mifrux twaqqaf jew ġie pprojbit fl-Istat Membri kkonċernati kollha jew li ma jkun twettaq ebda każ ta' ksur mifrux.
2. L-azzjoni koordinata għandha tingħalaq jekk il-Kummissjoni ma taċċettax li tassumi r-rwol tal-koordinatur skont il-Paragrafu 2 tal-Artikolu 16 u l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jiddeċiedu li jagħlqu l-azzjoni koordinata.
3. [...] Il-koordinatur jew waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati f'każijiet fejn l-azzjoni koordinata nġalqet skont il-paragrafu 2 għandha [...] tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni kkonċernati u lill-awtoritajiet kompetenti [...] kkonċernati mingħajr dewmien bl-għeluq tal-azzjoni koordinata [...].

Artikolu 20

[...]

Taqsimu II titħassar.

TAQSIMA III

[...]

Artikolu 28

[...]

Rwol tal-koordinatur

1. Il-koordinatur maħtur f'konformità mal-Artikoli 16 [...] jew [...] **36a** għandu b'mod partikolari:
 - (a) jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u l-Kummissjoni huma debitament informati b'mod tempestiv dwar il-progress tal-azzjoni tal-infurzar, il-passi antiċipati li jmiss u l-miżuri li għandhom jiġu adottati;
 - (b) jikkoordina **u jsegwi** [...] l-miżuri [...] **ta' investigazzjoni meħuda** mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati [...];
 - (c) jikkoordina t-tnejja u l-kondiviżjoni tad-dokumenti kollha meħtieġa fost l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u l-Kummissjoni;
 - (d) iżomm kuntatt mal-kummerċjant u partijiet oħra kkonċernati [...] mill-investigazzjoni u l-miżuri ta' infurzar, sakemm ma ġiex maqbul mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u [...] **l-koordinatur**;
 - (e) jikkoordina l-valutazzjoni, il-konsultazzjonijiet u l-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kif ukoll passi oħrajn meħtieġa għall-ipproċessar u l-implimentazzjoni ta' impenji proposti mill-kummerċjanti kkonċernati;

- (f) jikkoordina [...] l-miżuri ta' infurzar adottati mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati [...];
- (g) jikkoordina talbiet għal assistenza reċiproka ppreżentati mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati skont il-Kapitolu III.

2. Il-koordinatur ma jistax jinżamm responsabbli għall-azzjonijiet jew l-omissjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati meta juża s-setgħat stipulati fl-Artikolu 8.

2a. Fejn l-azzjonijiet koordinati jikkonċernaw każijiet ta' ksur mifrux tal-leġislazzjoni tal-Unjoni skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 2 il-koordinatur għandu jistieden lill-Awtorità Bankarja Ewropea biex tassumi rwol ta' osservatur.

Artikolu 30

[...] **A**rrangamenti tal-lingwa

- 1. [...]
- 2. [...]

3. Il-lingwi użati mill-awtoritajiet kompetenti [...] għan-notifiki u l-komunikazzjonijiet kollha b'rabta mal-azzjonijiet koordinati [...] u l-investigazzjonijiet konċertati tas-swieq tal-konsumatur skont dan il-Kapitolu għandhom ikunu maqbula mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati [...].
4. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq ebda ftehim **bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati**, in-notifiki u komunikazzjonijiet oħra għandhom jintbagħtu bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li jagħmel in-notifika jew komunikazzjoni oħra. F'dak il-każ, **jekk meħtieġ**, kull awtorità kompetenti kkonċernata għandha tiżgura t-traduzzjonijiet [...] tan-notifiki, il-komunikazzjonijiet u dokumenti oħra li tirċievi minn awtoritajiet kompetenti oħra.
5. [...]
- [...]
- [...]

[...] **Arranġamenti dwar il-lingwa għall-komunikazzjoni mal-kummerċjanti**

1. [...]

2. [...]

3. [...]

Għall-finijiet tal-proċeduri stabbiliti f'dan il-Kapitolu, il-kummerċjant għandu jkun intitolat jikkomunika fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali użati għall-finijiet uffiċjali tal-Istat Membru tal-istabbiliment jew ir-residenza tiegħu.

[...]

KAPITOLU V

ATTIVITAJIET [...] FL-UNJONI KOLLHA

Artikolu 33

[...]

Artikolu 34

Twissijiet [...]

1. Awtorità kompetenti għandha mingħajr dewmien tinnotifika lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet kompetenti **kkonċernati** oħra dwar kwalunkwe suspett raġonevoli li qed iseħħ **ksur fi ħdan l-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux** fit-territorju tagħha li jista' jaffettwa l-interessi tal-konsumaturi fi Stati Membri oħra ('twissija') [...].
2. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati dwar kwalunkwe suspett raġonevoli li[...] jkun seħħ każ ta' ksur **mifrux** f'mill-inqas [...] **tliet** Stati Membri [...] ('twissija') [...].

3. Fi twissija l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni għandha tagħti, fejn disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni li ġejja dwar il-ksur suspettat:
- (a) deskrizzjoni tal-att jew l-ommissjoni li tikkostitwixxi l-ksur;
 - (b) il-prodott jew is-servizz ikkonċernat mill-ksur;
 - (c) l-Istati Membri kkonċernati jew possibbilment ikkonċernati mill-ksur;
 - (d) il-kummerċjant responsabbli jew suspettat li huwa responsabbli għall-ksur;
 - (e) il-bażi legali għall-azzjonijiet possibbli b'referenza għal-liġi nazzjonali u għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-atti tal-Unjoni fl-Anness għal dan ir-Regolament;
 - (f) id-[...] **deskrizzjoni u l-istatus** tal-proċedimenti legali, il-miżuri ta' infurzar jew miżuri oħra meħuda fir-rigward tal-ksur u d-dati u t-tul ta' żmien tagħhom;
 - (g) [...]
 - (h) l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu proċedimenti legali u miżuri oħra;
 - (i) [...].
4. Fi twissija [...] l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni tista' titlob [...] lill-awtoritajiet kompetenti **u lill-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni kkonċernati fi Stati Membri oħra** u lill-Kummissjoni biex jivverifikaw jekk, **abbażi tal-informazzjoni disponibbli jew aċċessibbli b'mod faċli mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew mill-Kummissjoni**, ksur simili suspettat **fi ħdan l-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux** [...] **huwiex qed** iseħħ fit-territorju ta' Stati Membri oħra jew jekk xi miżura ta' infurzar tkunx diġà ttieħdet kontra tali ksur fi Stati Membri oħra. Dawk l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom iwieġbu għat-talba mingħajr dewmien.

5. [...]

6. [...]

Artikolu 35

[...] **Twissijiet esterni**

1. **L-Istati Membri jistgħu jintitolaw korpi nnominati, [...]** iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, [...]organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tal-konsumatur [...] **u, fejn adatt,** assoċjazzjonijiet tal-kummerċjanti, bl-għarfien espert adatt [...] [...] **biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni bi ksur fi ħdan l-Unjoni jew każ ta' ksur mifrux suspettat u biex jagħtu l-informazzjoni disponibbli għalihom stabbilita fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 34 ('twissija esterna').** L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni **bil-lista** ta' dawk l-entitajiet **u bi kwalunkwe bidla fiha** mingħajr dewmien.
2. Il-Kummissjoni, **wara konsulta mal-Istati Membri,** tista' [...] **tintitola** [...] **assoċjazzjonijiet** li jirrappreżentaw lill-konsumatur u, **fejn adatt,** interessi tan-negozju flivell tal-Unjoni **biex jagħmlu twissija esterna** [...].

3. [...]
4. [...] L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx ikunu obbligati li jibdew proċedura jew li jieħdu xi azzjoni oħra b'reazzjoni għal **twissija esterna** [...]. [...]
5. [...]

Artikolu 36

[...]

1. [...]

[...]

2. [...]

Artikolu 36a

Investigazzjonijiet konċertati tas-swieg tal-konsumaturi

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jwettqu investigazzjoni konċertati tas-swieg tal-konsumatur ("sweep") biex jivverifikaw il-konformità mal-liġijiet tal-Unjoni li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi u/jew jindividwaw ksur. Sakemm mhux maqbul mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti involuti, l-isweeps għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni.
2. Meta jwettqu l-isweeps, l-awtoritajiet kompetenti involuti jistgħu jagħmlu użu effettiv mis-setgħat ta' investigazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8 u setgħat oħra mogħtija lilhom mil-liġi nazzjonali.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistiednu lil korpi nnominati, uffiċjali tal-Kummissjoni u persuni oħra li qed jakkumpanjawhom awtorizzati mill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fl-isweeps.

KAPITOLU VI

[...]

Artikolu 37

Koordinazzjoni ta' attivitajiet oħra li jikkontribwixxu għal [...] investigazzjoni u infurzar

1. **Sa fejn meħtieġ biex jinkiseb l-oġettiv ta' dan ir-Regolament**, l-Istati Membri [...] **jistgħu** jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tagħhom fl-oqsma li ġejjin:
 - (a) it-taħriġ tal-uffiċjali tagħhom involuti [...] **fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**;
 - (b) il-ġbir, il-klassifikazzjoni u l-iskambju ta' data dwar ilmenti tal-konsumatur;
(ba) l-aħjar Prattiki f'tekniki ta' investigazzjoni u infurzar;
 - (c) l-iżvilupp ta' netwerks speċifiċi għas-settur ta' uffiċjali kompetenti;
 - (d) l-iżvilupp ta' għodda ta' informazzjoni u komunikazzjoni[...]
 - (e) [...]

(f) [...].

2. **Sa fejn meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv ta' dan ir-Regolament,** l-Istati Membri [...] **jistgħu** jikkoordinaw u jorganizzaw b'mod konġunt [...] attivitajiet **fl-oqsma** stabbiliti fil-paragrafu 1.
3. [...].
4. [...]

Artikolu 38

Skambju ta' uffiċjali bejn awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipparteċipaw fi skemi ta' skambju ta' uffiċjali kompetenti minn Stati Membri oħrajn sabiex itejbu l-kooperazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex uffiċjali kompetenti minn Stati Membri oħrajn ikun jista' jkollhom rwol effettiv fl-attivitajiet tal-awtorità kompetenti. Għal dak il-għan, daww l-uffiċjali għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu d-dmirijiet f'dati lilhom mill-awtorità kompetenti ospitanti skont il-liġijiet tal-Istat Membru tagħha.

2. Matul l-iskambju, ir-responsabbiltà ċivili u kriminali tal-uffiċjal kompetenti għandha tkun ittrattata bl-istess mod bħal dik tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti ospitanti. L-uffiċjali kompetenti mill-Istati Membri l-oħra għandhom josservaw standards professjonali u [...] r-regoli ta' kondotta interni adatti tal-awtorità kompetenti ospitanti. Dawk ir-regoli ta' kondotta għandhom jiżguraw b'mod partikolari l-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, il-ġustizzja proċedurali u l-osservanza korretta tar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u kummerċjali skont l-Artikolu 41.

Artikolu 39

[...]

1. [...]

[...]

2. [...]

3. [...]

Artikolu 40

Kooperazzjoni internazzjonali

1. **Sa fejn meħtieġ biex jinkiseb l-oġettiv ta' dan ir-Regolament,** l-Unjoni għandha tikkopera ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament sabiex tipproteġi l-interessi tal-konsumaturi. L-arranġamenti għal kooperazzjoni, li jinkludu l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' assistenza reċiproka, l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali u programmi għall-iskambju tal-persunal, jistgħu jkunu soġġetti għal ftehimiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi kkonċernati.
2. Ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi li jikkonċernaw il-kooperazzjoni u l-assistenza reċiproka biex jiġu protetti u jittejjbu l-interessi tal-konsumaturi għandhom ikunu [...] **f'konformità mar-regoli rilevanti tal-protezzjoni tad-data applikabbli għat-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi.**

3. Meta awtorità kompetenti tirċievi informazzjoni minn awtorità ta' pajjiż terz **rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra**, [...] **hija** għandha tikkomunika l-informazzjoni lil [...] **dawk** l-awtoritajiet kompetenti rilevanti [...] sakemm hija permessa li tagħmel dan bis-saħħa ta' ftehimiet ta' assistenza bilaterali mal-pajjiż terz u f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.
4. L-informazzjoni kkomunikata skont dan ir-Regolament tista' tiġi kkomunikata wkoll lil awtorità ta' pajjiż terz minn awtorità kompetenti taħt ftehim ta' assistenza bilaterali mal-pajjiż terz, dment li tkun inkisbet [...] **l-approvazzjoni** tal-awtorità kompetenti li oriġinarjament tkun ikkomunikat l-informazzjoni u f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

KAPITOLU VII

[...] **ARRANĠAMENTI KOMUNI**

Artikolu 41

Użu ta' informazzjoni u segretezza professjonali u kummerċjali

1. Informazzjoni miġbura [...] **minn jew** komunikata lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni **fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament** għandha tintuża biss għall-finijiet tal-iżgurar tal-konformità mal-liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi.

2. Informazzjoni **miġbura jew** komunikata **skont il-paragrafu 1 għandha tkun kunfidenzjali, użata u żvelata f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni u b'kont meħud ta'** [...]
- (a) [...]
- (b) [...] l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż **is-sigrieti kummerċjali u** l-proprjetà intellettuali [...]
- (c) [...]
- (d) [...].
3. [...] **Mingħajr preġudizzju għall-** paragrafu [...] **1**, l-awtoritajiet kompetenti **fuq konsultazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti li pprovdiet l-informazzjoni** jistgħu [...] jiżvelaw l-informazzjoni meħtieġa:
- (a) biex iġibu prova ta' ksur fi ħdan l-Unjoni jew każijiet ta' ksur mifruxa;
- (b) biex iwaqqfu jew jipprojbixxu l-ksur fi ħdan l-Unjoni jew il-każijiet ta' ksur mifruxa.

Użu ta' evidenza u konklużjonijiet ta' investigazzjoni

[...] L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw, **għal proċedimenti mibdija bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bħala evidenza**, kwalunkwe informazzjoni, dokument, konklużjoni, kopji veri ċertifikati jew intelligence **magħmul minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikoli 8 u 9 u** komunikat [...] **f'konformità ma' dan ir-Regolament**, irrISPettivament mill-format tiegħu u l-mezz li fuqhom ikun maħżun, **fuq l-istess bażi ta' evidenza simili miksuba fl-Istat Membru tagħhom stess sa fejn dan ikun f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru li fih jinbdew il-proċedimenti**.

2. [...]

Bażi ta' data elettronika [...]

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm il-bażi ta' data elettronika meħtieġa **għall-komunikazzjonijiet kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-uffiċċji uniċi ta' koordinazzjoni u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament [...]. Kull informazzjoni mibgħuta permezz tal-bażi ta' data elettronika** għandha **tiġi** maħżuna u pproċessata **fil-bażi ta' data elettronika** [...]. Il-bażi ta' data għandha tkun disponibbli għal konsultazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni.
2. L-informazzjoni pprovduta minn [...] entitajiet **intitolati jagħmlu twissija esterna skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 35** [...] għandha tinħażen u tiġi pproċessata fil-bażi ta' data elettronika iżda dawk [...] l-entitajiet [...] ma għandux ikollhom aċċess għal din il-bażi ta' data.
3. Id-data maħżuna li tirrigwarda ksur għandha [...] **tinħażen fil-bażi ta' data għal mhux iktar milli jinħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata iżda għal mhux aktar minn ħames snin wara l-jum**[...]li fih:

- (a) [...]
- (b) il-[...] **koordinatur** jinnotifika [...] skont l-Artikolu 19(1) **l-għeluq tal-azzjoni koordinata** [...];
- (c) [...]
- (d) l-informazzjoni tkun iddaħħlet fil-bażi ta' data fil-każijiet l-oħrajn kollha.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata l-bażi ta' data, b'mod partikolari, l-istadji fil-flussi ta' xogħol meħtieġ biex jiġu implimentati d-diversi proċeduri koperti minn dan ir-Regolament u l-formoli standard li għandhom jintużaw. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

Artikolu 44

Rinunzja tar-rimbors tal-ispejjeż

1. L-Istati Membri għandhom jirrinunzjaw kull pretensjoni għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. [...] Minkejja l-paragrafu 1, f'każ ta' azzjoni fuq talba skont l-Artikolu 12, l-Istat Membru tal-awtorità applikanti għandu jibqa' responsabbli lill-Istat Membru tal-awtorità mitluba għal kull spiża jew kull telf imġarrba bħala riżultat ta' miżuri miċħuda u meqjusa bħala infondati minn qorti, sa fejn is-sustanza tal-ksur inkwistjoni tkun ikkonċernata.

Artikolu 45

[...] Prijoritizzazzjoni [...] **ta' infurzar**

1. Kull sentejn minn xx/xx/20xx [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], [...] l-Istati Membri għandhom jiskambjaw bejniethom u mal-Kummissjoni informazzjoni dwar [...] prijoritajiet [...] biennali ta' infurzar li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, [...]. Il-prijoritajiet ta' infurzar [...] għandu jkun fihom, sa fejn ikunu disponibbli [...]:
 - (a) Informazzjoni dwar xejriet fis-suq li jistgħu jaffettwaw l-interessi tal-konsumaturi fl-Istati Membri tagħhom u [...] Stati Membri oħra;
 - (b) [...] ħarsa ġenerali [...] tal-azzjonijiet imwettqa skont dan ir-Regolament, fl-aħħar sentejn, b'mod partikolari, [...] attivitajiet ta' investigazzjoni u infurzar [...];

- (c) informazzjoni **sommarja** dwar l-organizzazzjoni, is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti **għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament** [...];
- (d) [...] l-oqsma ta' prijorità **tentattivi** għall-infurzar tal-liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi għas-sentejn li ġejjin fl-Istat Membru;
- (e) l-oqsma ta' prijorità proposti għall-infurzar tal-liġijiet tal-**Unjoni** li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi fl-Unjoni kollha **għas-sentejn li ġejjin**[...]
- (f) [...]
- (g) [...].

2. Fil-każ ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi jew tal-kondizzjonijiet tas-suq matul is-sentejn wara s-sottomissjoni tal-aħħar **prijoritajiet** ta' infurzar [...], l-Istati Membri [...] **għandhom jaġġornaw il-prijoritajiet ta' infurzar tagħhom** [...].

2a. Il-Kummissjoni għandha tiddekrivi fil-qosor l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1 u tirrapporta kull sena lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 48 biex tiġi ffaċilitata l-prijoritizzazzjoni ta' azzjonijiet skont dan ir-Regolament, l-iskambju tal-aħjar prattiki u indikaturi ta' referenza, speċjalment bil-ħsieb tal-iżvilupp ta' attivitajiet tal-bini ta' kapaċitajiet.

Artikolu 46

[...]

Artikolu 47

[...]

[...]

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 48

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn Kumitat. Il-Kumitat għandu jkun Kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 49

Notifiki

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien it-test ta' kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw, jew tal-ftehimiet apparti dawk li jittrattaw każijiet individwali li huma jikkonkludu, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.

Artikolu 50

Evalwazzjoni

Sa [*mhux aktar tard minn xx/xx/20xx, mhux aktar tard minn seba' snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport għandu jkun fih evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament li tinkludi valutazzjoni tal-effettività ta' infurzar tal-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi skont dan ir-Regolament u eżami ta', fost oħrajn, kif il-konformità mill-kummerċjanti mal-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi evolviet fi swieq ewlenin tal-konsumatur ikkonċernati mill-kummerċ transkonfinali.

Artikolu 51

[...]

[...]

Artikolu 52

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 2006/2004 huwa mħassar minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika [[...] **sentejn** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

[...]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Id-Direttivi u r-Regolamenti msemmija fil-punt(a) tal-Artikolu 3

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).
2. Id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi (ĠU L 80, 18.3.1998, p. 27).
3. Id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12).
4. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).
5. Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem: Artikoli 86 sa 100 (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).
6. Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika): l-Artikolu 13 (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

7. Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16).
8. Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).
9. Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).
10. Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).
11. Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21): l-Artikolu 1, l-Artikolu 2(c) u l-Artikoli 4 sa 8.
12. Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12. 2006, p. 36): l-Artikolu 20.

13. Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12. 2007, p. 14).
14. Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).
15. Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3): l-Artikoli 22, 23 u 24
16. Id-Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 14 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perijodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju (ĠU L 33, 3.2.2009, p. 10).
17. Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1): l-Artikoli 9, 10, 11 u l-Artikoli 19 sa 26.
18. Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).
19. Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

20. Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p.64).
21. Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63): l-Artikolu 13.

21a. Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.3.2013, p. 1): Artikolu 14 tal-ODR nru 524/2013.

22. Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34): l-Artikoli 10, 11, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 21, 22, 23, il-Kapitolu 10 u l-Annessi I u II.
23. Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214): l-Artikoli 3 sa 18 u l-Artikolu 20(2).

24. Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u ta' arranġamenti ta' vjaġġar marbuta, u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1).
-